MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 151/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Mifsud)**
**Vs**
**Wayne Scott Schembri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gżejjer nhar il-21 t’Awwissu 2002 u fit-tliet xhur ta’ qabel, ġol-Hamrun u fi bnadi oħra f’Malta f’ħinijiet differenti

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir- Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-

droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall- esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall- esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar- regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kintix ghall-uzu esklussiv tieghu.

(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall- esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu

skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar- regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(d) kkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru u jew f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur ta' l- Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-kap. 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet (inkluz l-aggravju mmarkat (d)) kollha dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni w it-tielet imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel wahda, w ikkundannatu sitt (6) xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' €467 liema multa tista' tithallas b'rata ta' €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Il-Qorti m'applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9 ghaliex diga' applikatu dwar l-istess relazzjoni fil-process l-iehor deciz fl-istess jum fl-istess ismijiet (mertu tal-appell nru. 150/09.)
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.
Il-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jiehu passi li jidhirlu li ghandu jiehu sabiex l-appellant ma jitlifx dak li rebah fil-programm.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata bili tikkonferma l-htija ta' l-akkuzi, filwaqt li taghti sentenza aktar ekwa w gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti filli l-appellant kellu vizzju kbir ta’ droga fiz-zmien ta’ l-akkuzi hawn fuq indikati fejn kien jattendi d-“detox centre” u kien imbaghad pazjent residenzjali w anki ggradwa mill-programm. L-appellant irrealizza dan u ddecieda li jbiddel hajtu fejn issa ghandu xoghol fiss u huwa gharus bl-ghan li jizzewweg u jkollu familja w ghalhekk ma jixtieqx li jispicca l-habs ghax b’hekk ikun fir-riskju li jaqa’ fit-tentazzjoni w jerga’ jaqa’ fl-istess network u atmosfera ta’ droga li ghandu bzonn jevita.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena. Illi mhux normali li din il-Qorti tal-Appell Kriminali tindahal fi w tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qoirti fl-erogazzjoni tal-piena dment li dik il-piena tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccesiva w sproporzjonata ghall-kaz.

Issa f' dan l-kaz il-piena mandatorja ghar-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni, li jassorbixxi ghall-fini tal-piena r-reati taht it-tieni w it-tielet imputazzjoni skond l-artikolu 17(h), billi ovvjament il-pussess serva bhala mezz biex seta jigi kommess ir-reat ta’ ipprokurar, hija dik minima ta’ sitt xhur prigunerija w dik massima ta’ ghaxar snin prigunerija oltre l-multa. Ghalhekk l-Ewwel Qorti erogat il-piena karcerarja fil-minimu taghha possibbli. L-istess il-piena pekunjarja mandatorja giet ukoll erogata fil-minimum taghha.

Illi hu minnu li issa ghaddew kwazi seba’ snin mill-kommissjoni tar-reati w li fil-frattemp dak li jkun jista' jkun biddel hajtu w qabad it-triq tas-sewwa, pero' dan wahdu ma jintitolax lill-Qrati li jerogaw piena inqas minn dik minima stabblita bil-ligi.

Barra minn hekk jidher li l-appellant diga' kien gie sentenzjat fuq offizi tad-droga diversi drabi anki ghall-reati kommessi fil-mori tal-proceduri.

Ghalhekk ma tarax li hemm lok ghal xi temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha, b' dana biss li t-terminu ghall-hlas tal-multa ghandu jibda' jiddekorri biss minn xahar wara li l-appellant ikun skonta l-piena tieghu kif fuq intqal.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------